C/2025/5925

5.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12125 — SILVER POINT CAPITAL / ASENCD PERFORMANCE MATERIALS HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5925)

1. Fit-28 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Silver Point Capital, L.P. ("Silver Point") (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ascend Performance Materials Holdings Inc. ("Ascend") (l-Istati Uniti tal-Amerka).

Silver Point se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Ascend kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Silver Point, ibbażata f'Connecticut, l-Istati Uniti tal-Amerka, hija konsulent tal-investiment irreġistrat fl-SEC li tiffoka fuq l-investiment tal-kreditu globali. Silver Point u xi whud mill-affiljati tagħha jservu bħala maniġer tal-investiment għal ċerti fondi u kontijiet ta' investiment,

— Ascend, ibbażat f'Texas, l-Istati Uniti tal-Amerka, hija manifattur u fornitur tan-najlon, tal-plastik, u tal-fibri sintetiċi, attiva globalment b'aktar minn 3 500 impjegat u kuntrattur. Il-prodotti ta' Ascend jintużaw primarjament fis-setturi tal-karozzi, tal-elettronika, tal-kura tas-saħħa, tat-tessuti, tal-industrija u tal-prodotti għall-konsumatur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12125 — SILVER POINT CAPITAL / ASENCD PERFORMANCE MATERIALS HOLDINGS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË